**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 180**

It-Tnejn, 27 ta' Novembru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia u l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri, kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Beppe Fenech Adami u l-Onor. Davina Sammut Hili kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għall-Ġustizzja l-Onor. Jonathan Attard, il-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Keith Azzopardi Tanti, l-Onor. Chris Agius, l-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Ivan Bartolo, l-Onor. Randolph De Battista, l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Chris Said, l-Onor. Stephen Spiteri u l-Onor. Amanda Spiteri Grech kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 179 li saret fis-27 ta' Novembru 2023 kienu konfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2688 — Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Tabib Dr Jacob Vella et vs Paul Magro et (Rikors Numru 380/2021/ LM), deċiża fit-28 ta' Settembru 2022 u dik tal-Appell datata 25 ta' Ottubru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

P.L. 2689 — Rapport maħruġ mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru bl-isem *Governance Action on the NAO's Annual Report on Public Accounts 2021 and other NAO Reports 2022.*

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 11418 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub**.**

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2690 Tabella li turi informazzjoni dwar ħaddiema sekondati jew on loan mal-Ministeru għal Għawdex fil-perjodu bejn April 2022 u April 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13142.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2691 Avviż Legali Nru 270 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar Aġenziji tal-Impjieg;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2692 Avviż Legali Nru 271 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jħassru r-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg;

P.L. 2693 Avviż Legali Nru 272 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Obbligi ta' Rappurtar għall-Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament);

P.L. 2694 Ammont ta' arretrati netti li kellu jieħu l-gvern sal-aħħar tal-2022, maqsuma skont il-Ministeru, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11766;

P.L. 2695 Tagħrif dwar in-numru ta' ħaddiema barranin li ħadmu f'Malta fis-snin bejn l-2013 u Ġunju 2023 maqsuma skont il-pajjiż tal-oriġini u skont l-industrija, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13600;

f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2696 Screenshot tal-webpage tal-Università ta' Malta, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13662;

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2697 Lista ta' direttivi tal-Unjoni Ewropea li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur li ġew trasposti fl-2023 u dawk id-direttivi li għadhom pendenti, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12960;

P.L. 2698 Tabella li turi l-fondi li ntefqu għall-Independent Community Living fis-snin bejn l-2012 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13795;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2699 Lista ta' direttivi tal-Unjoni Ewropea li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża li għadhom ma ġewx trasposti, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12956;

f'isem il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2700 Lista ta' applikazzjonijiet pendenti quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar għal bini ta' faċilitajiet reliġjużi fil-perjodu bejn Jannar 2001 u Novembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13597; u

f'isem il-Ministru għall-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2701 Tagħrif dwar korsijiet li ġew offruti miċ-Ċentru ta' Taħriġ tal-Faċilità ta' San Vinċenz de Paul lill-impjegati tal-Faċilità għas-snin bejn l-2021 u l-2023 maqsuma skont il-kors, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13590; u

P.L. 2702 Tagħrif dwar korsijiet li ġew offruti miċ-Ċentru ta' Taħriġ tal-Faċilità ta' San Vinċenz de Paul lill-pubbliku in ġenerali għas-snin bejn l-2021 u l-2023 maqsuma skont il-kors, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13591.

**PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA**

L-Onor. Albert Buttigieg ġibed l-attenzjoni tas-Sedja illi l-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali għal diversi drabi naqas milli jwieġeb għall-mistoqsija parlamentari tiegħu 13813 li kienet titlob lill-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratti u l-ftehim li ġew iffirmati bejn il-Gvern u APH Limited.

Is-Sedja ħadet nota tal-punt imqajjem u rreferiet lill-Membru għal diversi rulings fejn is-Sedja rrimarkat illi hija ma tistax tindaħal fuq ir-risposta tal-Ministru. Is-Sedja qalet ukoll li kienet ser tara li t-talba tal-Onor. Buttigieg tasal għand il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

**FTEHIM TAL-KAMRA**

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Andy Ellul, informa lill-Kamra li skont kif provdut fil-Mozzjoni ta' Proċedura 183 tal-31 ta' Ottubru 2023 intlaħaq ftehim sabiex is-seduta tal-għada filgħodu, 28 ta' Novembru 2023, tibda fit-8.30 a.m.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, ikkonferma dan il-ftehim.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**ESTIMI ĠENERALI 2024 - KUMITAT TA' PROVVISTA – IL-ĦMISTAX-IL SEDUTA STABBILITA**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

Id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, ippreseda

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX**

Il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 26 - MINISTERU GĦAL GĦAWDEX**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €64,187,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 26 - Ministeru għal Għawdex, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT XIII - MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €19,953,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XIII - Ministeru għal Għawdex - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

Id-Deputy Speaker informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fl-4.36 p.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Alex Borg ressaq din l-Emenda:

**VOT 26 - MINISTERU GĦAL GĦAWDEX**

***Personal Emoluments***
***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€54,225" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€54,222".

*Delete the figure "€54,225" and substitute therefor the figure "€54,222".*

Fil-5.20 p.m il-Kumitat kien sospiż minħabba ħsarat tekniċi u rriżuma fil-5.29 p.m.

Id-Deputy Speaker informa lill-Kumitat illi minkejja dak li tipprovdi l-Mozzjoni 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, kien hemm qbil illi l-ħin li matulu kien sospiż il-Kumitat, ma jkunx miżjud mal-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol.

Fl-5.53 p.m. ġew fi tmiemhom l-interventi tal-Membri tal-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Alex Borg u l-Onor. Claudette Buttigieg għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Anton Refalo, l-Onor. Abigail Camilleri u l-Onor. Clint Camilleri għan-naħa tal-Gvern.

Fis-7.17 p.m. ġew fi tmiemhom l-interventi tal-Membri tal-Gvern u d-diskussjoni kienet konkluża.

Il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati, l-Onor. Michael Farrugia, irrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għal Għawdex kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għal Għawdex ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 28 ta' Novembru 2023 fit-8.30 a.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**Is-Sittax-il Seduta Stabbilita – Ministeru għall-Anzjanità Attiva**

Vot 45 - Ministeru għall-Anzjanità Attiva
Vot XXI - Ministeru għall-Anzjanità Attiva – Kapital

Il-Ministru għal Għawdex informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Anzjanità Attiva kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Il-Ministru informa wkoll il-Kamra li din is-seduta għandha tkun mingħajr mistoqsijiet, u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-7.19 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**